# MALTA

## TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tal-20 ta' Ġunju 2016

Talba Numru: 177/2016

Numru fuq il-Lista:

**Emmanuel Busuttil**
K.I. 21355(M)

**vs.**

**Dr. Edric Edward Paul Bonello**
K.I. 271799 (M)

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-13 ta' Mejju 2016, illi permezz tiegħu l-attur talab il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' tlett'elef ewro (€3000.00), liema ammont huwa in konnessjoni ma' xogħolijiet relatati mal-

kostruzzjoni mwettqa mill-attur fuq inkarigu tal-konvenut, liema servizzi ġew imħallsa permezz ta' ċekk / ċekkijiet li ma ġewx onorati mill-Bank u għaldaqstanat l-attur għadu ma tħallasx;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mill-attur u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tal-attur tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' tlett'elef ewro (€3000.00), bl-imgħax legali dekorribbli mill-21 ta' Ottubru 2013, li hija d-data tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi u nnumerata 2494/13, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali ċċitata, huma a kariku tal-konvenut.

**Av. Nadia H. Vella**
Ġudikatur